MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 1525/2005

**Avviz Numru 1525/05VGD**

Middlesea Insurance plc (C5553) surrogata fid-drittijiet ta’ Titan International Limited u l-istess Titan Internation Limited.

Vs

Anthony Mifsud (Id. 775746M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li fih is-socjetajiet attrici talbu s-somma ta’ tlitt mija, wiehed u disghin lira Maltin u seba u sittin centezmi (Lm391.67c) dovuti mill-konvenut in konsegwenza ta’ danni kkagunati minhabba incident

awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Frar 2004 fi Vjal Sir Paul Boffa, Paola, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu waqt li kien qed isuq vettura numru ta' registrazzjoni EBC 443. Illi minhabba tali traskuragni u imperizja ikkaguna danni fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni KBD 527, misjuqa minn David Saliba u proprjeta' ta' l-assikutata tas-socjeta' rikorrenti, Titan International Limited billi l-istess konvenut habat fiha waqt li l-vettura kienet wieqfa b'konsegwenza li bl-impatt mexxa l-istess vettura ghal gol-vettura numru tar-registrazzjoni BBO 087. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' Lulju 2005 u ta' l-ittra pprezentata kontestwalment ma din it-talba kontra s-socjeta' assikurata ta' l-intimat ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet mit-8 ta' Lulju 2005 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Anthony Mifsud li ecepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenut, izda tort ta' David Saliba u/jew ta' terzi hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u illi inoltre jigi rilevat illi l-incident in kwistjoni kien jikkonsisti f' 'pile-up collision' bejn hames vetturi, u kwindi l-atturi ghandhom jippruvaw il-grad o meno tar-responsabbilta' ta' kull sewwieq f'dina l-kollizjoni sabiex tkun tista' tigi stabbilita dik tal-konvenut, jekk xejn; u illi subordinatament ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni l-atturi ghandhom igibu l-prova illi d-danni allegatament sofferti minnhom gew ikkagunati unikament u esklussivament mill-konvenut. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda tal-PS 1257 Conrad Ellul.

Ra x-xhieda ta' Emanuel Agius.

Ra x-xhieda ta' Edward Pace Balzan.

Ra x-xhieda ta' David Saliba.

Ra x-xhieda tal-konvenut  Anthony Mifsud.

Ra d-Digriet moghti minn dan it-Tribunal diversament presjedut tas-17 ta' Novembru 2005 fejn laqgha t-talba ghall-kjamati in kawza ta' Michael Bonello u Victoria Baker.

Ra r-risposta ta' Michael Bonello li ecepixxa illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dirtt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-atturi, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Victoria Baker ta' 32, Triq il-Kuncizzjoni, Bormla, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk jidher illi jkun il-kaz, ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja, li tigi kjamata in kawza l-imsemmija Victoria Baker.

Ra x-xhieda ta' Michael Bonello

Ra x-xhieda ta' Dr. Ramona Frendo prodotta mill-kjamat in kawza Michael Bonello.

Ra n-nota tal-atturi li biha irriducew it-talba taghhom ghall-ammont ta' tlett mija sitta u sittin lira Maltin u seba u sittin centezmu (Lm366.67c).

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Sema t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-incident in kwistjoni jikkoncerna 'pile-up collision' li fih kienu involuti zgur hames karozzi.  Dan l-incident sehh fi Vjal Sir Paul Boffa, Paola ghall-habta tas-6.45 ta' filghodu, meta l-art kienet ftit imxarba.

Illi jirrizulta li l-ewwel karozza, u cioe dik li tinsab fuq quddiem nett tal-‘pile-up’ hija l-karozza bin-numru ta’ registrazzjoni BBO 087, misjuqa minn Emanuel Agius. Din il-karozza intlaqtet minn wara biss, u ghalhekk id-danni jinsabu biss fuq wara tal-karozza. It-tieni karozza hija dik misjuqa minn David Saliba, bin-numru ta’ registrazzjoni KBD 527, li hija proprjeta’ tas-socjeta’ attrici Titan International Limited, assikurata tas-socjeta’ attrici l-ohra Middlesea Insurance Plc. B’rizultat ta’ l-incident din il-karozza garbet hsarat kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara. It-tielet karozza fil-‘pile-up’ hija dik tal-konvenut Anthony Mifsud bin-numru ta’ registrazzjoni EBC 443. Din il-karozza ukoll garbet hsarat kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara. Il-hames karozza fl-incident kienet dik bin-numru ta’ registrazzjoni HAB 195 misjuqa mill-kjamat in kawza Michael Bonello, u l-hames karozza hija dik ta’ Victoria Baker bin-numru ta’ registrazzjoni GAC 053.

Illi alavolja fuq l-isketch tal-pulizija (a fol 7 tal-process) jidru biss l-ewwel tlett karozzi, hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatt li effettivament kien hemm izjed minn tlett karozzi involuti f’dan l-incident, u hemm qbil u koll dwar l-ordni u l-pozizzjoni taghhom fil-‘pile-up.’

Ix-xhud Emanuel Agius li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBO 087 u cioe l-karozza fuq quddiem nett tal-‘pile-up’ xehed illi huwa kien ghaddej fi triqtu u x’hin wasal hdejn it-traffic lights waqaf minhabba li kien xeghel id-dawl l-ahmar. Dak il-hin mill-mera tieghu ra li warajh kienet gejja karozza li huwa issopona li kienet ser tieqaf izda fil-fatt din il-karozza baqghet diehla go fih u hass daqqa wahda mhux hazin. Huwa xehed testwalment illi ‘*l-van li rajt fil-mera kien il-van li habat fija, jiena hassejt daqqa wahda u sewwa. X’hin hrigt sibt hames karozzi mahbutin warajja. Malli hrigt mill-karozza nghid li l-ewwel erba kienu diga mahbutin.*’

Ix-xhud David Saliba, sewwieq tal-karozza bin-numru ta’ registrazzjoni KBD 527, xehed illi hu kien miexi fi trieqtu u peress li kien hemm it-traffiku quddiemu kien ser jieqaf, izda meta waqaf, ta’ warajh baqa diehel go fih. Huwa xehed testwalment illi ‘*meta l-karozza ta’ warajja baqghet*

*diehla go fija, jiena kont kwazi waqaft. Meta ta' warajja dahal go fija, imbuttani fil-karozza ta' quddiemi. Jiena kont qed inhares fil-mera ta' wara u rajtu gej ta' warajja…..Qed jigi moqri lili l-verzjoni li jiena kont tajt lill-Pulizija u li hija rappurtata fir-'road accident report' u nghid li jiena fil-fatt daqqa wahda hassejt.*'

Il-konvenut Anthony Mifsud li kien qieghed isuq il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni EBC 443, liema karozza kienet it-tielet wahda involuta fil-'pile-up' xehed testwalment hekk:- '*Jiena kont miexi bil-mod u quddiemi kien mahbut. Jiena fil-fatt lil ta' quddiemi missejtu ftit. Ezatti malli missejt lil ta' quddiemi, inhoss daqqa. Fil-fatt ta' warajja kien baqa diehel go fija u kissirli l-bumper ta' wara u imbuttani il-quddiem. Imbaghad kompla imbuttani fuq ta' quddiemi*.'

Meta xehed in kontroezami, u sarulu domandi dwar ix-xhieda li huwa stess kien ta fil-kawza 'Untours Insurance Agency Limited vs Anthony Mifsud, Avviz numru 871/2004 deciza fit-3 ta' Marzu 2005, l-istess xhud qal testwalment hekk:- '*Qed nigi mistoqsi b'referenza ghal dik il-parti tax-xhieda tieghi fejn ghidt illi jiena rajt il-vetturi quddiemi KBD 527 u BBO 087 kienu weqfin ghaliex kienu mahbutin, nghid illi jiena rajthom ghax kienu hemm fil-karozza u kien hemm is-sewwieqa tal-vetturi barra qed jiddiskutu bejniethom…Din ghalija kienet tikkonferma iktar u iktar li dawn iz-zewg karozzi kienu mahbutin. Mistoqsi jekk jiena infurmajtx lill-pulizija li gie fuq il-post ta' l-incident li z-zewg vetturi ta' quddiemi kienu mahbutin nghid li ma niftakarx issa ezatt x'kont ghdit lill-pulizija…..Qed nerga nigi mistoqsi hux possibbli li mad-daqqa li jiena kelli mal-karozza KBD 527 stajtx imbuttajt dik il-karozza xi ftit nghid li jista' jkun.. Jiena diga kont mahbut mieghu u hadt it-tieni daqqa u komplejt naghfas fuq ta' quddiemi.*'

Mbaghad meta kompla jixhed in ri ezami l-istess xhud qal testwalment illi '*fil-mument ta' l-ewwel impatt bejn il-karozza tieghi u l-karozza KBD 527, is-sewwieqa taz-zewg vetturi ta' quddiemi ma kienux qeghdin barra. Iktar probabbli li kienu ghadhom gol-vetturi. U nikkonferma li*

*ghalkemm is-sewwieqa ma kienux barra mill-karozza, jiena ma kelli ebda dubbju li dawn iz-zewg karozzi kienu mahbuta u kienet sehhet kollizjoni bejniethom u nghid ukoll li s-sewwieqa anki minn gol-karozza kienu jidhru li kienu sturmentati (Sic!).*'

Illi giet esebita wkoll ix-xhieda li ta' l-konvenut Anthony Mifsud meta kien qieghed jixhed fil-kawza Avviz numru 871/04 fl-ismijiet Untours Insurance Agents Limited noe et vs Anthony Mifsud, u hemm ix-xhud qal testwalment hekk:- '*rajt il-vetturi ta' quddiemi KBD 527 u BBO 087 kienu weqfin ghaliex kienu mahbutin.  Jiena zammejt il-brake pero' bqajt sejjer fil-vettura ta' quddiemi, il-KBD 527. Imbaghad giet karozza warajja u regghet habtet go fija. Meta hrigt mill-karozza kien hemm tnejn mahbutin quddiemi u tlieta mahbutin warajja…..L-ewwel hbatt gol-vettura KBD 527 imbaghad b'rizultat tal-habta li rcevejt minn wara ergajt imbuttajt il-karozza KBD 527*.'

Il-kjamat in kawza Michael Bonello xehed illi huwa kien waqaf kompletament fit-traffiku u '*waqt li kont wieqaf hassejt daqqa in-naha ta' wara tal-karozza u bid-daqqa l-karozza tieghi giet imbuttata b'mod li hbatt fil-karozza ta' quddiemi.  Fil-fatt il-karozza tieghi kellha hsara kemm fuq quddiem u kif ukoll fuq wara*.'

Meta xehed in kontroezami l-istess xhud qal:- '*Qed nigi mistoqsi x'tip ta' daqqa kien hemm bejn il-karozza tieghi u l-karozza ta' quddiemi, li nista' nghid huwa li jien fuq quddiem ma kellix hafna hsara.  Il-hsara l-iktar li kelli kienet fuq wara.  Nghid li d-daqqa fuq quddiem zgur li ma kenitx qawwija daqs id-daqqa li hadt wara peress li jiena malli hassejt id-daqqa fuq in-naha ta' wara ergajt ghafast il-brake kompletament biex nevita li l-karozza timxi il-quddiem*.

Illi l-versjoni kemm ta' Emanuel Agius kif ukoll ta' David Saliba hija wahda simili fis-sens illi t-tnejn jikkonfermaw li hassew daqqa wahda u l-effett ta' din id-daqqa kienet illi il-karozza ta' David Saliba habtet fil-karozza ta' quddiemha ta' Emanuel Agius.  Dan ta' l-ahhar jghid li ra lill-Saliba gej minn wara u assuma li ser jieqaf izda fil-fatt

hass daqqa wahda tajba u l-karozza ta' Saliba kienet habtet mal-karozza tieghu. Saliba minn-naha tieghu jghid li kien lahaq kwazi waqaf meta f'daqqa wahda hass daqqa kbira li tefghatu fuq il-karozza ta' quddiemu.

Skond il-versjoni tal-fatti tal-konvenut Anthony Mifsud pero, suppost li Emanuel Agius u David Saliba hassew **tlett** daqqiet b'kollox, u dana ghaliex skond l-istess konvenut dawn iz-zewg karozzi l-ewwel kienu habtu f'xulxin, mbaghad kien gie hu u peress li ma lahaqx waqaf, dahal fil-karozza ta' Saliba minn wara, haga li zgur kellha tinhass minn Agius ukoll, u mbaghad gie Michael Bonello li dahal fil-karozza tal-konvenut u rega tefghu fuq il-karozza ta' quddiemu.

Ix-xhieda ta' Emanuel Agius f'din il-kawza hija krucjali u t-Tribunal huwa aktar dispost li jemmen il-versjoni tal-fatti tieghu, u cioe li huwa daqqa **wahda** biss hass, u ghalhekk effettivament daqqa wahda biss kien hemm.

Apparti dan, il-versjoni tal-konvenut hija wahda mhawda ghall-ahhar, specjalment meta jiddeskrivi li l-karozzi ta' Agius u Saliba kienu diga habtu qabel ma habat f'Saliba. L-ewwel jghid li s-sewwieqa kienu barra l-karozzi taghhom jiddiskutu meta huwa habat f'Saliba, mbaghad jghid li '*probabbilment'* ma kienux barra l-karozza wara kollox. Pero xorta wahda jibqa jikkonferma li kienu diga habtu ghaliex kien jidru hekk anki minn gewwa l-karozza taghhom! Il-fatt jekk is-sewwieqa kienux barra l-karozzi jew le mhuwiex xi dettal irrilevanti jew li wiehed jista' jitfixxkel dwaru, ghaliex mod tahbat go zewg karozza bis-sewwieqa go fihom, u mod tahbat go zewg karozzi fejn is-sewwieqa jkunu barra bil-wieqfa hdejn il-karozzi taghhom, u jistghu anki jwegggħu serjament jekk karozza ohra tidhol fuqhom.

Mbaghad zgur li f'incident bhal dan, u cioe incident partikolari ta' 'pile-up', meta t-traffiku huwa kollu miexi fl-istess direzzjoni ezattament wara xulxin, u meta huwa ovvju li kollox gara f'temp ta' xi ftit sekondi, kien impossibbli ghall-konvenut Mifsud li jikkostata jekk iz-

zewg karozzi ta’ quddiemu kienux effettivament habtu jew le.

Illi ghalhekk jidher li meta l-konvenut dahal fil-karozza ta’ Saliba, ghaliex ma lahaqx waqaf, din kienet dik id-daqqa wahda li hassew kemm Saliba kif ukoll Agius.

Illi fir-rigward tal-kawza talba numru 871/2004 fl-ismijiet Untours Insurance Agents Limited et vs Anthony Mifsud’ dan it-Tribunal kif diversament presjedut iddecieda li l-konvenut Anthony Mifsud ma kienx responsabbli ghall-hsarat li kienu gew ikkagunati lill-Agius, u dana principalment minhabba li mill-provi li ittellghu f’dik il-kawza ma gietx stabbilita in-nexus diretta bejn id-daqqa ta’ Mifsud u d-danni ta’ Agius, kif bilfors kellu jsir jekk it-Tribunal kellu jiddikjara lil-konvenut Mifsud responsabbli ghad-danni li gew kagunati fil-vettura ta’ Agius.

Fil-kaz odjern pero, qed jintalab li l-konvenut Anthony Mifsud jigi dikjarat responsabbli ghad-danni kollha kagunati b’konsegwenza tal-incident fil-karozza misjuqa minn David Saliba, u li m’ghandhom x’jaqsmu xejn mad-danni sofferti minn Emanuel Agius.  F’dan il-kaz ukoll kien hemm xhieda li ma ttellatx fil-kawza l-ohra, bhal per ezempju David Saliba stess.

Minghajr l-icken dubbju l-konvenut Anthony Mifsud dahal fil-karozza misjuqa minn David Saliba minn wara, u dan jammettieh minghajr ebda riserva l-konvenut stess. Ghalhekk zgur li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hasarat kagunati fuq wara tal-karozza KBD 527.  U peress illi it-Tribunal huwa konvint li l-impatt kien effettivament wiehed, u cioe l-impatt li sar meta l-konvenut Mifsud habat fil-karozza misjuqa minn Saliba, l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli wkoll ghall-hsarat li garbet il-karozza KBD 527 fuq quddiem.

Fir-rigward tal-kjamat in kawza Michael Bonello, ma ngabet assolutament l-ebda prova li b’xi mod titfa xi htija fuq Bonello ghad-danni li soffriet il-karozza KBD 527, u ghalhekk Michael Bonello ma jistax jigi dikjarat responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

Illi fir-rigward tad-danni reklamati, dawn gew ippruvati skond il-ligi, u di piu ma saret l-ebda kontestazzjoni da parti tal-konvenut dwar l-istess.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut jhallas is-somma hekk ridotta mill-atturi ta' tlett mija u sitta u sittin lira Maltin u seba u sittin centezmu (Lm366.67c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut hlief ghall-ispejjes tal-kjamat in kawza Michael Bonello li ghandhom jigu ssopporati mill-atturi, u dawk tal-kjamata in kawza Victoria Baker li ghandhom jigu ssopportati minnha stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------